MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 375/2003

**Marsa Bowling Limited**

**vs**

**Jon Paul Gray**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, erbgha mija u disgha u disghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm4,499.79), rapprezentanti arretrati ta' *operational fees* dovuti fil-perjodu illi fih huwa kien gie koncess l-operazzjoni tal-Marsa Bowling Centre mill-Marsa Sports Club.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mit-2 ta'

Mejju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 ta' Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------